



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0381/2018**

23.11.2018

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)  
(COM(2018)0143 – C8-0123/2018 – 2018/0069(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Linnéa Engström

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	15
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	16
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	17



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (COM(2018)0143 – C8-0123/2018 – 2018/0069(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0143),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0123/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Mejju 2018<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0381/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1a) Wieħed mill-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif stabbilit fir-**

---

<sup>1</sup> ĠU C 283, 10.8.2018, p. 95.

*Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, huwa li tiżgura li r-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jiġu sfruttati b'mod li jipprovdi kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul.*

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test fis-seħħ*

*Dan* ir-Regolament japplika għall-attivitajiet kummerċjali kollha tas-sajd u tal-akkwakultura *mwettqa* mill-bastimenti tas-sajd tal-UE u miċ-ċittadini tal-Istati Membri fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.

#### *Emenda*

*(-1) Fl-Artikolu 2(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġejj:*

*"Dan* ir-Regolament japplika għall-attivitajiet kummerċjali kollha tas-sajd u tal-akkwakultura, *kif ukoll għall-attivitajiet tas-sajd rikreattivi fejn ikun speċifikament previst f'dan ir-Regolament, imwettqa* mill-bastimenti tas-sajd tal-UE u miċ-ċittadini tal-Istati Membri fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM."

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-GFCM jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għas-sajd kummerċjali. Madankollu, fil-proposta kurrenti, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet li jitrattaw is-sajd rikreattiv (l-Artikoli 10c, 16n u 22h kif ukoll l-Anness VI, punt 6). Għaldaqstant, jixraq li konsegwentement il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1) jiġi emendat.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) "żona ta' lqugħ" tfisser żona **stabbilita** madwar żona ristretta tas-sajd **biex** jiġi evitat **aċċess** aċċidentali għaliha;

*Emenda*

(e) "żona ta' lqugħ" tfisser żona **li ddur** madwar żona ristretta tas-sajd **sabiex** jiġi evitat **l-aċċess** aċċidentali għaliha, **u b'hekk tissaħħaħ il-protezzjoni taż-żona mdawra**;

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(fa) "**opra tal-baħar għar-rikreazzjoni**" tfisser **bastiment ta' kull tip, b'buq ta' tul ta' 2,5 metru jew iżjed, ikunu xi jkunu l-mezzi tal-propulsjoni tiegħu, maħsub għal skopijiet ta' sport jew ta' rilassament, u li mhux involut fil-kummerċ**;

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 10a – paragrafu 1 – punt 3 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

– **36° 59,344' N, 15° 26,062' E**

*Emenda*

– **35° 59,344' N, 15° 26,062' E**

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/4 (Anness 2)*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 10a – paragrafu 1 – punt 3 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– 36° 59,344' N, 15° 13,338' E.

– 35° 59,344' N, 15° 13,338' E.

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/4 (Anness 2)*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 10b – paragrafu 3 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– 36° 58,342' N, 15° 27,294' E

– 35° 58,342' N, 15° 27,294' E

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/4 (Anness 2)*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 10b – paragrafu 3 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– 36° 58,342' N, 15° 12,106' E

– 35° 58,342' N, 15° 12,106' E

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/4 (Anness 2)*

## Emenda 9



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Regolament (UE) Nru 1343/2011  
Artikolu 10d – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr ħsara għall-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 10c, l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali mwettqa bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu awtorizzati biss, fiż-żona msemmija f'dawk il-paragrafi, jekk il-bastiment ikun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni speċifika, u jekk dan ikun jista' juri li storikament wettaq attivitajiet tas-sajd fiż-żoni kkonċernati.

*Emenda*

1. Mingħajr ħsara għall-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 10c, l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali mwettqa bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu awtorizzati biss, fiż-żona msemmija f'dawk il-paragrafi, jekk il-bastiment ikun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni **nazzjonali** speċifika, u jekk dan ikun jista' juri li storikament wettaq attivitajiet tas-sajd fiż-żoni kkonċernati.

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi ċċarata l-oriġini tal-awtorizzazzjoni speċifika, espressa ulterjorment fil-punt (3).*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Regolament (UE) Nru 1343/2011  
Artikolu 10d - paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Fiż-żona msemmija fl-Artikolu 10c(2), il-bastimenti tas-sajd awtorizzati ma għandhomx ikunu intitolati li jistadu għal aktar minn jumejn tas-sajd fil-ġimgħa. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jużaw irkaptu li jkun xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin ma għandhomx ikollhom id-dritt li jistadu għal aktar minn jum wieħed tas-sajd fil-ġimgħa.***

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/3 (paragrafu 8, 9)*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 10d – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-bastimenti tas-sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases mingħajr awtorizzazzjonijiet għandhom jitħallew jgħaddu miż-Żona Ristretta tas-Sajd biss jekk dawn isegwu rotta diretta b'veloċità kostanti ta' mhux anqas minn 7 knots u b'VMS u/jew l-AIS attivi abbord.

#### *Emenda*

7. Il-bastimenti tas-sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases mingħajr awtorizzazzjonijiet għandhom jitħallew jgħaddu miż-Żona Ristretta tas-Sajd biss jekk dawn isegwu rotta diretta b'veloċità kostanti ta' mhux anqas minn 7 knots u b'VMS u/jew l-AIS attivi abbord, **u jekk ma jwettqu l-ebda tip ta' attivitajiet tas-sajd.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Biex jiġi ċċarat li l-bastimenti tas-sajd mingħajr awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom jitħallew jgħaddu minn Żona Ristretta biss jekk ma jwettqu l-ebda tip ta' attivitajiet tas-sajd, minkejja li r-rotta tkun diretta u l-veloċità tkun kostanti.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 14a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Fi ħdan il-perjodu ta' bejn April u Ġunju ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perjodu tal-għeluq ta' tal-anqas xahrejn fil-Baħar l-Iswed.***

#### *Emenda*

1. ***Kull Stat Membru konċernat għandu jistabbilixxi perjodu tal-għeluq ta' mill-anqas xahrejn matul l-istaġun tar-riproduzzjoni tal-barbun imperjali, minn April sa Ġunju ta' kull sena.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 paragrafu 19.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

PE623.935v01-00

10/17

RR\1170028MT.docx

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**  
Regolament (UE) Nru 1343/2011  
Artikolu 16m – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kull Stat Membru *jista'* jistabbilixxi fil-Baħar Mediterran sistema ta' limiti ta' qbid ta' kuljum u/jew annwali individwali għall-groll aħmar.

*Emenda*

Kull Stat Membru *għandu* jistabbilixxi fil-Baħar Mediterran sistema ta' limiti ta' qbid ta' kuljum u/jew annwali individwali għall-groll aħmar.

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**  
Regolament (UE) Nru 1343/2011  
Artikolu 22i – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru tal-bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati jgħorru abbord jew iħottu kwantitajiet ta' paġella ħamra maqbuda fil-Baħar Alboran li jikkostitwixxu aktar minn 20 % tal-qabda f'piż ħaj wara t-tqassim skont il-marea.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru tal-bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati jgħorru abbord jew iħottu kwantitajiet ta' paġella ħamra maqbuda fil-Baħar Alboran li jikkostitwixxu aktar minn 20 % tal-qabda f'piż ħaj wara t-tqassim skont il-marea.  
***Dak ir-reġistru għandu jinżamm u jiġi aġġornat.***

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/2 (paragrafu 12)*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**  
Regolament (UE) Nru 1343/2011  
Artikolu 22ka (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 22ka***

***Għeluq temporanju fil-Golf ta' Gabès  
Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Settembru ta'***

*kull sena, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit bejn il-kosta u l-isobati ta' 200 metru fond tas-Subżona Ġeografika GSA 14 (il-Golf ta' Gabès) kif imsemmi fl-Anness I.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/4 paragrafu 12. Il-PKS tittratta wkoll l-attivitajiet tas-sajd li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra mill-ilmijiet tal-Unjoni (ir-Regolament tal-PKS, Artikolu 1(2)(c)). B'mod korrispondenti, ir-Regolament dwar il-GFCM japplika għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali kollha mwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-UE u miċ-ċittadini tal-Istati Membri fiż-żona kollha koperta mill-Ftehim tal-GFCM (Artikolu 2(1)). Għalhekk, jekk ikun hemm bastimenti tas-sajd tal-Unjoni qed jistadu f'dawk l-ilmijiet, l-UE fil-fatt jeħtiġilha timplimenta r-rakkomandazzjoni li tirreferit għal dik il-parti wkoll.*

### **Emenda 16**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**  
Regolament (UE) Nru 1343/2011  
Artikolu 22kb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 22kb**

#### **Portijiet magħżula**

**1. Kull Stat Membru konċernat għandu jagħżel il-portijiet tal-ħatt l-art li fihom jista' jsir il-ħatt l-art tal-merluzz u tal-gamblu abjad mill-Kanal ta' Sqallija, b'konformità mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni lista tal-portijiet tal-ħatt l-art magħżula sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2018. Kwalunkwe bidla sussegwenti li ssir lil dik il-lista għandha tiġi notifikata fil-pront lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni.**

**2. Għandu jkun ipprojbit li tinħatt l-art jew li tiġi trażbordata kwalunkwe kwantità ta' merluzz u ta' gamblu abjad li jkun ġie mistad fil-Kanal ta' Sqallija fi kwalunkwe post ħlief fil-portijiet tal-ħatt**

*Ġustifikazzjoni*

*Konformi mal-Parti V tar-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/4.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 22n – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) operat mingħajr sistema VMS.

(c) operat mingħajr sistema **ta'** VMS  
**jew kwalunkwe sistema oħra ta'**  
**ġeolokalizzazzjoni li tippermetti lill-**  
**awtoritajiet ta' kontroll isegwu l-**  
**attivitajiet, fil-każ ta' bastimenti li jkunu**  
**itwal minn 12-il metru .**

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-Artikolu 22i "Awtorizzazzjonijiet tas-sajd u attivitajiet tas-sajd", il-punt (4) jiddikjara li l-bastimenti kollha ta' l fuq minn 12-il metru tul "għandhom ikunu mġammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) jew bi kwalunkwe sistema oħra ta' ġeolokalizzazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet jintraċċaw l-attivitajiet tagħhom" biex jingħataw awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-ksur korrispondenti għan-nuqqas ta' tali tagħmir, espress fl-Artikolu 22n, ma jistipulax il-possibbiltà li ma jkunx hemm tagħmir ieħor għajr il-VMS.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 22o – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Sat-30 ta' **Novembru** ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, permezz tal-appoġġ normali **tal-proċessar ta' data**, lista aġġornata tal-bastimenti li jużaw għeżula tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-

1. Sat-30 ta' **Diċembru** ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, permezz tal-appoġġ normali **tal-ipproċessar tad-data**, lista aġġornata tal-bastimenti li jużaw għeżula tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-

Anness I).

Anness I), *jekk ikun sar kwalunkwe tibdil lil dik il-lista.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Regolament (UE) Nru 1343/2011

Artikolu 22p – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-pjanijiet nazzjonali u l-elementi kollha tagħhom għandhom jiġu kkomunikati lill-assoċjazzjonijiet tas-sajd u għandhom ikunu pubblikament aċċessibbli għas-sajjieda kollha.***

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) twaqqfet bi ftehim internazzjonali fl-1949 permezz ta' ftehim internazzjonali taħt l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), li daħal fis-seħħ fl-1952. L-Istati Membri kollha li jinsabu fuq il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed, flimkien mal-Unjoni Ewropea, jipparteċipaw fil-ġestjoni tas-sajd f'din iż-żona, b'kooperazzjoni ma' għadd ta' pajjiżi terzi, fil-qafas tal-GFCM. Il-Partijiet Kontraenti tal-GFCM huma: l-Unjoni Ewropea, l-Albanija, l-Alġerija, il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja, l-Eġittu, Franza, il-Ġappun, il-Greċja, Iżrael, l-Italja, il-Libanu, il-Libja, Malta, il-Marokk, Monaco, ir-Rumanija, is-Sirja, is-Slovenja, Spanja, it-Tuneżija u t-Turkija.

Il-GFCM tadotta, fuq il-bażi ta' parir xjentifiku, rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet imfassla sabiex jippromwovu l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aqwa utilizzazzjoni tal-istokkijiet tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx.

L-organizzazzjoni għandha l-awtorità li tadotta deċiżjonijiet obligatorji ("rakkomandazzjonijiet") fil-qasam tal-kompetenza tagħha. Bħala parti kontraenti tal-GFCM, l-UE hija marbuta li għaldaqstant tadotta u tittrasponi dawn ir-rakkomandazzjonijiet għal ġod-dritt tal-Komunità, fejn il-kontenut mhuwiex diġà kopert mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità.

Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 jiġi emendat sabiex jiġu trasposti għal ġod-dritt tal-Unjoni għadd ta' miżuri adottati mill-GFCM fis-sessjonijiet annwali tagħha tal-2015, tal-2016 u tal-2017.

Dawn il-miżuri jikkonċernaw il-merluzz u l-gamblu abjad fil-Kanal ta' Sqallija, il-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, il-paġella ħamra fil-Baħar Alboran u l-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran. Il-proposta tistabbilixxi wkoll żona ristretta tas-sajd fl-Adrijatiku (żona tal-Fossa ta' Jabuka / Pomo).

Il-proposta hija konsistenti mal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Hija tkopri miżuri ta' konservazzjoni, miżuri ta' ġestjoni, miżuri ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza u miżuri għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)	
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0143 – C8-0123/2018 – 2018/0069(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	22.3.2018	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 16.4.2018	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 16.4.2018	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ENVI 25.4.2018	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Linnéa Engström 25.4.2018	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	24.4.2018	24.9.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.11.2018	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	24 0 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Richard Corbett, Linnéa Engström, Sylvie Goddyn, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Barbara Matera, Ulrike Rodust, Annie Schreijer-Pierik, Remo Sernagiotto, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ole Christensen, Rosa D’Amato, Francisco José Millán Mon, Maria Lidia Senra Rodríguez, Nils Torvalds	
<b>Data tat-tressiq</b>	23.11.2018	



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>24</b>	<b>+</b>
ALDE	António Marinho e Pinto, Nils Torvalds
ECR	Remo Sernagiotto, Ruža Tomašić, Peter van Dalen
EFDD	Rosa D'Amato, Sylvie Goddyn
GUE/NGL	Maria Lidia Senra Rodríguez
PPE	Alain Cadec, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, Barbara Matera, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik, Jarosław Wałęsa
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Ole Christensen, Richard Corbett, Ulrike Rodust, Isabelle Thomas
Verts/ALE	Marco Affronte, Linnéa Engström, Ian Hudghton

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni